

V

(Avviżi)

**PROĊEDURI DWAR L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI**

**IL-KUMMISSJONI EWROPEA**

**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.9957—Advent International/Otto/Hermes Parcelnet/Hermes Germany)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 325/15)

1. Fl-24 ta' Settembru 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Advent International Corporation (l-Istati Uniti tal-Amerika, "Advent"),
- Otto GmbH & Co KG (il-Ġermanja, "Otto"),
- Hermes Parcelnet Limited (ir-Renju Unit, "Hermes UK"), li tappartjenti għall-grupp Otto,
- Hermes Germany GmbH (il-Ġermanja, "Hermes Germany"), li tappartjenti għall-grupp Otto.

Allianz takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdien, il-kontroll esklużiv ta' Hermes UK kollha kemm hi; Advent u Otto jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdien, il-kontroll bi sħab ta' Hermes Germany.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Advent: negozju ta' investiment fekkwistà privata, iffukat fuq l-akkwist ta' ishma azzjonarji u l-ġestjoni ta' fondi ta' investiment f'diversi setturi, inklużi s-servizzi tan-negozju u dawk finanzjarji; prodotti u servizzi industrijali; operazzjonijiet ta' bejgħ bl-imnut, prodotti tal-konsumatur tad-ditta, u servizzi ta' divertiment; il-media, it-telekomuni-kazzjonijiet u t-teknoloġija tal-informazzjoni; u s-servizzi tal-kura tas-saħħa u l-farmaċewtiċi. Il-kumpaniji tal-portafoll tagħha għandhom attivitajiet globali, inklużi fl-Istati Uniti tal-Amerika, l-Ewropa, l-Asja u l-Amerika t'Isfel,
- Otto: il-kumpanija azzjonarja ta' diversi kumpaniji li jiffurmaw l-Otto Group. Attiva globalment fil-qasam tas-servizzi tal-bejgħ bl-imnut u dawk relatati mal-bejgħ bl-imnut,
- Hermes UK: tħaddem servizzi ta' twassil u ġbir b'ħafna kanali (jiġifieri servizzi ta' kurrier) fir-Renju Unit,
- Hermes Germany: tħaddem servizzi ta' twassil u ġbir b'ħafna kanali (jiġifieri servizzi ta' kurrier) fil-Ġermanja,

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdien. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (²) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-avviż.

(¹) ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdien”).

(²) ĠUC 366, 14.12.2013, p. 5.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9957—Advent International/Otto/Hermes Parcelnet/Hermes Germany

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles / Brussel  
BELGIQUE / BELGIË

---